MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

Il-Ħamis, 10 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fit-13:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

SKUŻAT:

Martina Cassar – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 37.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

37.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

37.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 37.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

37.2.1 Is-Sindku qal li illum stieden lil ex Deputat Segretarju Eżekuttiv – Marianne Sagona sabiex uffiċjalment jirringrazzjha ta'dawn l-aħħat tlett xhur ta' tmexxija. Is-Sindku kompla jgħid li kien hemm kontinwazzjoni tax-xogħol tajba ħafna u dan ifisser għaqal kbir fir-rwol ta' Segretarju. Il-Kunsill sellem lis-Sinjura Sagona u ta merħba lura lis-Sinjura Sarah Formosa fir-rwol tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv.

37.2.2 Is-Sindku qal li l-Bring in Sites qed ikunu mimlija ta' sikwit u saħansitra daħlu rapporti l-Kunsill li qed jaraw lil tan-negozji jpoġġu r-riċiklaġġ fihom. Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li tan-negozji suppost ikollhom il-kuntrattur tagħhom privat. Is-Sindku kompla jgħid li din spiża żejda u għandna nitolbu lil Green MT sabiex naraw jibdewx jitbattlu min naħa tagħhom u jekk il-Green MT ma jaċċettawx, meta jiskadi l-kuntratt magħhom infittxu lil ħaddiehor.

37.2.3 Is-Sindku qal li fittex kemm seta rigward prezzijiet ta' titjiriet għall-Kroazja pero huma għoljin wisq u l-ivjaġġar se ikun fit-tul għall-dawn il-ftit jiem tal-proġett li se ikun hemm. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw in-nies li din is-safra ma irnexxietx, pero se nibdew naħdmu biex jinġabbru n-nies għal proġett ta' Ruma.

37.2.4 Is-Sindku qal li kellu komunikat mal-St. Laurence Spurs FC li għat-tournament tal-futbol li se jsir fi Franza bħala parti mill-ġemellaġġ ma inġabrux biżejjed nies. Il-Kunsill wasal fi ftehim li xorta għandha tintbgħat delegazzjoni u ser jinbgħatu l-Kunsilliera Joseph Cauchi, Carmela Grima u Anthony Formosa bħala rappreżentanti tal-Kunsill.

37.2.5 Is-Sindku qal li għall-iskema tal-PA "Sebbaħ il-Lokal", jissuġerixxi illi bħala proġetti napplikaw għall-*Greenery* u statwi tal-bronż fil-pjazza. Dawk l- istatwi tal-bronż kienu ġew diskussi f'laqgħat preċidenti. Il-Kunsillier. Carmela Grima issuġġeriet li jsiru iktar bankijiet fl-isqaqien ukoll. Il-Kunsill qabel mal-proposti.

37.2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li intbagħatet emejl mill-Inġinier Josef Micallef għan-nom tal-EneMalta li fiha qed jitlob sabiex isir trenching fi Triq il-Wileg, Parti minn Triq Nicolas Monserrat u Triq Dun Salv Portelli għall-*Substation*, biex ikun hemm saħħa aktar ta' dawl fl-area ta' Bieb il-

Għar u anke għall-użu tad-dar tal-Anzjani. Wara diskussjoni sar qbil illi ssir laqgħa mal-Inġinier u l-kuntrattur u nifformolaw kundizzjonijiet, fosthom;

- Kemm jista' jkun jintużaw il-culverts li għandna fil-pjazza.
- Tintalab garanzija ta' mhux inqas minn €20,000 jekk ix-xogħolijiet tat-trenching imissu l-Pjazza jew sqaqien li saru dan l-aħħar.
- It-trenching isir min taħt il-culverts eżiżtenti
- Tingħata tarmak karreġjata waħda t-toroq kollha li jsir trenching fihom u;
- Tintalab kerha tal-culverts li se jintużaw jew il-meters tal-Pjazza jingħataw bla ħlas.

## 37.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

37.3.1 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li rigward il-Festa tad-Tadam proposta, se jsaqsi lil Onorevoli Clint Camilleri għall-għajnuna li jista' jagħti lil Kunsill kif ukoll se jsaqsih għall-għajnuna sabiex jitella Swejjaq ieħor f'Settembru.

## 37.4 Gozo Alive

37.4.1 Is-Sindku qal li għall-Gozo Alive il-Kunsill se jipparteċipa permezz taċ-Ċentru Edukattiv tad-Dwejra. L-attivita ser issir bl-għajnuna tal-Malta Aquarium b'tema *Under the Sea*, b'attivitajiet għat-tfal kif ukoll se ikun hemm iċ-Ċentru miftuħ bħas-soltu. Is-Sindku qal li tkun idea tajba illi noffru l-opportunita' lil-għaqdiet tar-raħal sabiex jagħmlu eż. Bouncy Castle jew *stand* tal-ikel. Is-Sindku kompla jgħid illi bi ftehim mal-Ministeru għall-Għawdex, il-Kunsill se jiġi rimbors nofs l-ispejjeż ta' dakinhar. Il-Kunsill qabel.

## 37.5 Appell dwar il-Legal Fees ta' Dr Joe Giglio

37.5.1 Is-Sindku saqsa lil sħabu l-Kunsilliera kif ser jibqa' l-Kunsill rigward l-kawża li potenzjalment tista' tinfetaħ sabiex jiġu rikoverati l-ispejjeż relatati mal-kwistjoni tal-panelli. Liema kawża l-Kunsill kien rebaħ bl-unuri kollha. Wara diskussjoni sar qbil li ssir laqgħa oħra ma Dr Giglio sabiex nerġgħu nistaqsugħall-opinjoni professjonali tiegħu rigward it-tħassib tal-kunsilliera. Fil-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar li jmiss, għanda tittieħed id-deċiżjoni finali jekk tinfetaħx il-kawża jew le.

## 37.6 Mozzjoni numru 2/7 – Triq it-Tieqa tad-Dwejra

37.6.1 Is-SE qratil-mozzjoni numru 2/7 bis-suġġett imsemmi u t-test ta' din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku jaqra hekk:

***Fid-dawl tal-għajbien tat-Tieqa tad-Dwejra nhar il-8 ta' Marzu 2017, li kienet tifforma parti mis-sisien tal-lokalita' tagħna, nipproponi lil Kunsill Lokali sabiex parti minn Triq it-Torri, (ara pjanta annessa) tiġi msemmija "Triq it-Tieqa tad-Dwejra"***

37.6.2 Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Anthony Formosa. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

## 37.7 Ittra ta' Direzzjoni mill-Awdituri (Management Letter)

37.7.1 Is-SE ippreżentat l-ittra ta' direzzjoni (Management Letter) bil-kummenti tal-awdituri. Wara li s-SE spjegat l-lista tal-kummenti flimkien mar-risposti tal-Kunsill, il-Kunsill approva.

## 37.8 Tenders Resurfacing of Part of Triq il-Wileġ and Triq id-Duluri with Rolled Hot Asphalt & Service of an Architect

37.8.1 Is-SE qalet iridu jintgħażlu l-bordijiet ta' dawn iż-żewġ tenders imsemmija. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jekk jaċċettaw, jintgħażlu dawn li ġejjin: Chairperson: William Sultana, Segretarju: Sarah Formosa, Accountant Pauliana Said, Avukat Dr. Larry Formosa u Perit Edward Scerri jew Mariella Xuereb.

## 37.9 Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart

37.8.1 Is-SE ippreżentat ir-rapport finanzjarju tal-Ewwel Kwart għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva.

## 37.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

37.10.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 37.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

37.11.1 Il-laqgħa intemmet fl-16:30 u ġiet aġġornata għall-14 ta' Ġunju 2018 fl-10:00.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv